Ref: 12/6/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 12 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivvi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima kien skuzat. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkun skuzat fuq ragunijiet personali.

Il-Kunsillier Raymond Attard kien assenti.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .7 tas-Sitt Legislatura**

**Materji konnessi**

1.1 – Re:Item 2.3 – Il-Kunsillier lynch qal li hu kien gab 3 quotations ghalkemm ma kienx hemm bzonn, peress li kienu kollha inqas minn €1,000 setghet saret *direct order* skond kif tghid il-ligi.

1.2 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 8 tas-Sitt Legislatura**

1.3 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Minuti tal-Laqgha Nru .9 u Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru.10 tas-Sitt Legislatura**

1.4 – Dawn il-Minuti ser jigu diskussi f'laqgha ohra.

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra minn MHSA Health – Intbaghtet ittra fejn saret talba biex tintuza s-sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 24 u l-Hadd 25 ta' Novembru 2012 fl-okkazjoni tal-*World's Diabetes Day*, kif ukoll laqgha ta' l-Ghaqda Ghassara tal-Inbid nhar is-Sibt 17 ta' Novembru 2012 mis-6.30pm sad-9.30pm. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

2.2 – Ittra minn Mater Boni Consilii *St.Joseph School* – Ms Rita Mansueto baghtet ittra dwar *Re: Work at Community Garden Project* biex il-kunsill jipprovdi l-haddiema biex jghin fit-tindif u tisbih ta' Gnien Wied Blandun u biex issir tabella li dan ix-xoghol hu Progett Eko-Skola u li qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola u l-Komunita' ta' Wied Blandun. Il-Membri approvaw.

2.3 – Ittra mis-Sur Silvio Scicluna – Is-Sur Scicluna baghat ittra dwar il-Progett Pjazza, Paola minhabba li sema' li ser jitnehhew s-sigar prezenti li hemm fil-pjazza. Is-Sindku qal li s-sigar ser jinqalghu u ser jithawwlu f'post iehor u ser jithawwlu sigar ohra minflok u mhux ser noqtlu l-ebda sigar.

2.4 – Ittra minn CareMalta – Ms Natalie Briffa Farrugia baghtet ittra dwar *Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care* fejn il-kunsill jista' jinnomina anzjan/a li hadem ghall-anzjani sa nhar il-Gimgha 16 ta' Novembru 2012.

2.5 – Ittra mis-Sur Ryan Bonnici – Is-Sur Bonnici baghat ittra fejn qed jinforma xi problemi jhabbtu wicchom maghhom ir-residenti ta' Corradino flats fosthom dwar il-parkegg. Wara diskussjoni, sar qbil li naraw fiex jikkonsisti *time parking* izda l-ewwel naraw il-kundizzjonijiet kif irid isir *time parking*.

2.5.1 – Il-Kunsillier Axisa qal li jrid isir process ta' konsultazzjoni.

2.5.2 – Is-Sindku qal li hu ser jiehu hsieb dan u ssuggerixxa li l-Kunsillier Axisa biex jghinu u hu accetta. Huma qalu li ser jibdew jahdmu dwar dan. Is-Sindku qal li l-ewwel ser jaghmel laqgha mar-residenti ta' Triq Kordin.

2.5.3 – Il-Kunsilliera Delezio u Axisa qalu li t-*time parking* tista' ssir ukoll fi Triq il-Qalb ta' Gesu ghax ir-residenti xorta wahda qed igergru mis-sitwazzjoni tat-triq taghhom ghax baqa' ma sar xejn.

2.5.4 – Is-Sindku qal li din hija idea tajba u ghalhekk naghmlu laqgha mar-residenti ta' din it-triq u ninfurmawhom ukoll. Hu zied jghid li hu kellu *meeting* mal-kap tal-iskola ta' St.Joseph u l-affarijiet min-naha tal-iskola irrangaw hafna.

2.6 – Ittra minn GreenPak – Is-Sur Daniel Tabone baghat ittra dwar il-*contract renewal*. Is-Sindku qal li ser niffirmaw l-*agreement* u li dalwaqt ser jibghatulna *green recycling bags* u r-residenti ser jigu ghalihom fl-ufficini tal-Kunsill. Il-Kunsilliera approvaw unanimament.

2.7 – Ittra mill-MEPA – Is-Sur Peter Gingell baghat korrispondenza dwar fondi li kienu marbuta mal-PA 3116/01 A3 Towers. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li ghandu mill-MEPA dawn il-fondi huma nkluzi fil-UIF.

2.8 – Ittra minn Sciberras & Lia Advocates – Dr.Pawlu Lia baghat ittra f'isem Joseph Brincat biex jitlob permess lil Kunsill biex jinstalla arlogg tad-dawl temporanju minhabba li jopera kiosk ghall-bejgh ta' helu, ikel u luminata fit-triq principali hdejn l-MCAST. Is-Sindku qal li kellem lill-avukat tal-Kunsill dwar dan u qal li kollox skond il-ligi, il-hawkers iridu jarmaw 50 metru 'l boghod minn kiosk iehor.

2.9 – Ittra minn ETC – Ms Maronia Avellino baghtet ittra dwar Re: Skema ta' mpjieg inklussiv fil-komunita'. Is-Sindku qal li dwar dan hu baghat korrispondenza li l-Kunsill huwa nteressat li jhaddem mieghu persuna b'dizabilita'.

2.10 – Ritratti Gnien Wied Blandun – Is-Sindku qal li rcieva xi ritratti tal-hmieg mad-dawra tal-Gnien Wied Blandun.

2.11 – Ittra minn TM – Il-Perit Testaferrata De Noto baghtet ittra dwar *No Parking Signs & one-Way* fi Triq il-Foss. Saret diskussjoni dwar dan. Is-Sindku qal li TM jixtiequ l-approvazzjoni mill-Kunsill biex din it-triq tigi *one-way*.

2.11.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li jinforma lir-residenti dwar dan u jekk ma jkunx hemm oggezzjonijiet nkomplu bil-process u qal li hu ccekkja dwar *height limitations* u *bollards* ukoll. Gie deciz li s-Sindku ser jibghat l-ittri lir-residenti ta' Triq il-Foss.

2.12 – Ittri minn *Environmental Health* – Ms Antonia Desira baghtet ittra lil kunsill fejn qed tghid li l-ufficcju taghha rcieva lmenti mill-pubbliku li fil-ground Pace Grasso qed isir hasil tal-vetturi li jintuzaw ghall-gbir tal-iskart domestiku fil-lokal. Ms Desira baghtet tinforma lill-kunsill li wara li saret spezzjoni min-naha taghha fuq il-post stess, ma gewx innotati ebda nuqqasijiet kif kien gie allegat minn min ghamel l-ilmenti.

2.12.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li ma jsirx hasil tat-trakkijiet u li dawn jigu pparkjati n-naha tal-club tal-bocci. Hu zied jghid li ghandna nibghatu ittra lill-kuntrattur fejn il-Kunsill Lokali Paola jesigi li t-trakkijiet ma jinhaslux hemm.

2.12.2 – Il-Kunsillier Axisa qal li xi residenti qed jghidu li qed ikun hemm il-grieden u meta mar hu personalment ma ra xejn. Hu kompla jghid li jixtieq li meta nircievu lment fuq hekk, imur xi haddiem tal-Kunsill dak il-hin stess mal-persuna li tkun ghamlet l-ilment halli niccekkjaw.

2.13 – Ittra mill-Kunsillier Ray Attard - Is-Sindku qal li l-Kunsillier Attard baghat korrispondenza dwar *At Fort Helsinki worshop* 19-20 Nov 2012, fejn tghid li hu qed jirrizenja minn Kunsillier responsabbli mill-EU. Is Sindku qara il- korrispondenza li baghat il-Kunsillier Attard fejn anke ta' dettalji dwar il-*budget* tal-progett A*t Fort* u *Hybrid Parks.*

2.13.1 – Is-Sindku qal li hu xtaq li kieku s-Sur Attard kien prezenti fuq dan l-aspett. Hu kompla jghid li jixtieq li jiehu hsieb hu din il-kariga u ssuggerixxa lill-Kunsillier Lynch biex jghinu. Il-Kunsillier Lynch accetta.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghal *workshop* ta' Helsinki jattendu s-Segretarju bhala *project leader* u l-Kunsillier Axisa, filwaqt li ghal ta' Assisi jattendi l-*project leader* biss.

2.13.2 - Is-Segretarju rrefera ghal *budget* li pprezenta l-Kunsillier Attard u qal li ghalkemm ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal min sejjer dawn il-*workshops*, il-Kunsill irid joqghod ferm attent ghall-ispejjes involuti.

2.13.3 - Is-Sindku qal li bhala l-persuna responsabbli minn dawn il-progetti qieghed jawtorizza dan l-ivjaggar.

2.13.4 – Il-Kunsillier Axisa qal li hadd m'ghandu jiddetta u jahdem wahdu minghajr approvazzjoni tal-Kunsill, la s-Sindku u lanqas hadd, qal ukoll li jekk ikun hemm xi kaz hekk, hu mhux ser japprova.

2.13.5 – Il-Kunsilliera Delezio ssekondat u anke s-Sindku.

2.13.6 – Il-Kunsillier Axisa qal li ghandu jinhareg cekk lill-Kunsillier Lynch ghax kien hallas € 60 *expenses* minhabba problemi ta' *check in* tal-Kunsillier Bernard Lynch.

2.14 – Ittra mid-DLG dwar Memo 40/2012 - Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali. Wara diskussjoni il-Kunsill iddecieda li l-kunsill ghandu jippartecipa billi huwa jixtri ukoll kotba ghas-somma ta' €700.

## 3) ***Adjudication Tender ESF – Publicity***

3.1 – Is-Segretarju spjega dwar dan u qal li kien hemm 3 offerti li huma Media Coop ghall-ammont ta' €2,360, Steve Bonnici ghall-ammont ta' €5,310 u Cyrus Engerer ghall-ammont ta' €15,000. F'ittra datata 4 ta' Ottubru 2012 minn Media Coop jirrizulta li kien hemm zball fil-prezz u li suppost ammonta ghal €5,192. Din l-offerta giet skartata. Saret diskussjoni dwar dan it-tender. Wara diskussjoni, il-membri prezenti unanimament qabblu li dan it-tender jinghata lill-orhos offerta valida, ie lill-Steve Bonnici.

## 4) ***Briefing – EU Travelling***

4.1 – Dan l-item gie diskuss fil-korrispondenza.

## 5) ***Board of Interviews for clerk***

5.1 – Is-Sindku qal li jixtieq jahtar bord tal-*interviews*.

5.1.1 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li tixtieq li hi tkun parti minn dan il-bord.

5.1.2 – Gie deciz li l-bord ikun maghmul mis-Sindku, mill-Kunsilliera Axisa u Delezio u mis-Segretarju.

5.1.3 – Gie deciz ukoll li l-*interviews* ser isiru nhar l-Erbgha 14 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm fl-ufficini amministrattivi.

## 6) ***Briefing – MIA Application***

6.1 – Is-Sindku qal li saret applikazzjoni ghal €60,000 biex jigi rrangat id-dawra ta' Wied Blandun u li l-Kunsillier Muscat wera l-interess f'dan u ha hsieb din l-applikazzjoni. Is-Sindku rringrazzjah ta' dan.

**7) *Green Pak Agreement***

7.1 - Dan l-item gie diskuss fil-korrispondenza.

**8) Parking Cimiterju**

8.1 – Is-Sindku qed jipproponi li ssir laqgha mal-Pulizija, mal-avukat tal-Kunsill Dr.Busuttil biex forsi ssir *bye-law* biex jigu rregolarizzati l-*istands* tal-fjuri tac-Cimiterju u biex ikunu pparkjati kif suppost u wara ssir konsultazzjoni mal-bejjiegha tal-fjuri wkoll. Il-Kunsilliera approvaw unanimament.

**9) Aggornament – *PPP Scheme***

9.1 – Is-Sindku qal li hu kellu laqgha mad-Dipartiment u spjega li ma sarux dawn it-toroq minhabba problema ta' finanzi.

9.2 – Hu kompla jghid li l-Kumitat tal-Finanzi ser jiltaqa' mal-accountant tal-kunsill biex naraw il-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li d-dipartiment johrog 30% u l-Kunsill johrog 70% tal-ispejjes. Hu zied jghid li staqsa lid-DLG jekk hux possibli li minflok isiru 7 toroq f'daqqa, jistax kull sena jsiru ftit toroq. Hu ssuggerixxa li kieku jinbdew l-ewwel Triq Inverness, Triq San Edwardu u Triq it-Tifkira ghax l-aktar li ghandhom bzonn. Il-Kunsilliera approvaw unanimament.

**10) *Time Parking***

10.1 – Dan l-item gie diskuss fil-korrispondenza.

**11) Progett Familti/Inizjattiva Favur l-Annimali/Progett Eko-Skola St.Joseph**

11.1 – Progett Familti – Is-Sindku qal li l-Kappillan qallu u baghatlu korrispondenza li wiret dar fi Triq Bormla, Paola u hareg bl-inizjattivi Jean-Antide. Din id-dar ser tigi rrangata u tilqa' fiha persuni b'dizabilita' u talab biex il-kunsill jghinu fix-xoghol ta' *maintenance* ta'din id-dar.

11.1.1 – Is-Sindku qal li l-ewwel ghandna niehdu parir legali jekk nistghux nibghatu xi haddiema jghinu f'din id-dar u jekk nistghu ssuggerixxa li ssir *press-conference* li l-Kunsill Lokali Paola qed jiehu sehem f'din l-inizjattiva biex jghin lil dawn il-persuni.

11.2 – Inizjattiva Favur l-Annimali – Is-Sindku qal li fi Gnien Gaddafi hemm hafna nies volontarji li huma *animal-lovers* li jiehdu hsieb il-qtates li hemm u li qed jipproponi li jinhadmu *shelters* bl-injam ghal dawn il-qtates. Wara diskussjoni, sar qbil li dawn jinhadmu b'budget ta' €200.

11.3 – Progett Eko-Skola St.Joseph – Dan l-item gie diskuss fil-korrispondenza.

## 12) Maintenance Gnien Lorry Sant u Gnien Pace Grasso

12.1 – Is-Sindku qal li fi Gnien Lorry Sant hemm il-fili kollha miftuhin u li dawn ghandhom jigu rrangati.

12.2 – Il-Kunsillier Muscat qal li fi Gnien Pace Grasso hemm hafna xoghol xi jsir. Hu zied jghid li nizel jara hu stess flimkien mal-haddiema ta'CCF u ser isir xoghol ta'zebgha.

12.2.1 – Hu kompla jghid li t-3 funtani li hemm fil-Gnien Lorry Sant, fil-Gnien Pawlu Boffa u fil-Pjazza ta' St.Ubaldeska jixtieq li kollha jahdmu.

12.2.2 – Hu qal ukoll li bhalissa xi haddiema qed jahdmu fuq il-funtana ta' Gnien Pawlu Boffa u li dalwaqt ser tibda tahdem.

12.3 – Il-Kunsillier Muscat zied jghid ukoll li l-Kunsill Lokali Paola qed inaddaf Casa Flamini fejn hemm il-hamiem u li qed jaghlaq fejn qed ibejjet il-hamiem.

12.4 – Hu ssuggerixxa li jinxtara Bambin tal-Milied ghall-ammont ta' €65 ghaliex li kellna nkiser u li hemm bzonn li tinxtara *pool vacuum cleaner* biex il-haddiema jnaddfu sewwa biha. Il-membri tal-kunsill approvaw.

12.5 – Hu qal ukoll li qed isir iz-zbir tas-sigar mill-ELC u li kellu hafna lmenti biex isiru tabelli *No Smoking Area* u jitwahhlu fl-*area* fejn l-ispizerija tal-Gvern. Gie deciz li jigu ordnati dawn it-tabelli.

12.6 – Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kif bqajna fuq il-*camera* tal-kunsill, jekk inxtratx . Il-Kunsillier Lynch qal li ser jiehu hsieb dan.

12.7 – Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll kif bqajna fuq il-kotba tal-librerija. Is-Sindku qal li rcevejna korrispondenza dwar dan u li tghid li skond kemm jixtri kotba u jonfoq il-kunsill, jaghtina wkoll id-dipartiment. Il-membri tal-Kunsill approvaw li jinxtraw il-kotba.

## 13) Attivitajiet

13.1 – Saret diskussjoni dwar l-armar tal-Milied. Gie deciz li l-Ghaqda Muzikali Kristu Sultan u s-Socjeta' Filarmonika Fra Antoine de Paule jinghataw €700 kull wiehed u l-Ghaqda Nar u Armar Lourdes tinghata €250.

13.2 – Saret diskussjoni dwar l-uniformijiet. Gie deciz li jingiebu l-*quotations* ghall-haddiema klerikali u dawk kollha li jahdmu fl-ufficcju kif ukoll ghall-haddiema l-ohra minbarra dawk tal-ETC ( li jahdmu barra) li jinbidlu minn zmien ghal zmien.

13.2.1 – Il-Kunsillier Tyrone qal li ghandna naghzlu *shorts* puliti u kollha l-istess u mhux hwejjeg ta' kuljum ghall-haddiema.

13.2.2 – Il-Kunsilliera Delezio qalet li ghandha ssir uniformi ghall-haddiema kollha minbarra dawk tal-iskema tal-ETC li ma jdumux jahdmu mal-Kunsill ghal zmien twil.

13.3 – Il-Kunsillier Lynch qal li l-Party tal-Milied ghat-Tfal ser isir nhar is-Sibt 22 ta' Dicembru 2012 fl-4.30pm u ser jigi organizzat taht it-tinda fi Pjazza Antoine de Paule u li ser ikun hemm hafna attivitajiet ohra apposta minhabba t-tfal fosthom *clown*, *bouncing castle, cu-cu-train* u bhala rigal ser jinghataw borza helu. Il-prezz tal-biljetti ser ikun €2.

13.3.1 – Is-Segretarju qal li t-tinda ser jsellifielna il-Partit Laburista. Gie deciz li ghandha tintbaghat ittra bhala ringrazzjament ta' dan.

13.4 – Il-Kunsillier Lynch kompla jghid li l-Party tal-Milied ghall-Anzjani ser isir nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2012 fil-5.30pm fil-Palace Theatre. Il-prezz tal-biljetti ser ikun € 5 u li l-anzjani ser jinghataw *hamper* zghir bhala rigal u li ser jingiebu l-*quotations* dwar l-ikel ghaz-2 attivitajiet.

13.5 – Hu zied jghid ukoll li l-attivita' tal-Palazz ta' San Anton li giet organizzata nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2012 kienet success u li ghaliha attendew 35 persuna u ghalhekk giet ordnata *private* minflok *mini-bus*.

13.6 – Saret diskussjoni dwar Lehen Paola. Il-Kunsill Lokali Paola approva li jsir Lehen Paola u li ser jitqassam lil kull familja fil-lokalita'. Gie deciz li ser jiltaqa' l-bord Editorjali maghmul mis-Sindku, mill-Kunsillier Axisa w mil-Kunsillier Lynch biex isir il-layout tal-fuljett.

13.6.1 – Il-Kunsillier Axisa qal li ser jiehu hsieb li jibghat il-*quotations* lill-Kunsilliera kollha, sa ghada.

13.7 – Gie deciz ukoll li l-Kunsilliera kollha jmorru ghand il-hanut Agius biex jiehdu ritratt ghal fuq il-fuljett Lehen Paola.

13.8 – Il-Kunsillier Axisa hareg mill-kamra minhabba li kien ser jigi diskuss is-sound tal-attivitajiet ghaliex jista jkun li hu jkollu kunflitt ta' nteress f'din id-diskussjoni.

13.9 – Wara diskussjoni, il-Kunsill iddecieda li ghall-attivita tal-Anzjani ser ikun hemm Freddie Portelli ghall- prezz ta' €150, sound Ray Axisa ghall-prezz ta' €150, Kiri ta' sala ghall-prezz ta' €250 .

**14) <u>Skeda ta' Pagamenti</u>**

14.1 – Dan l-item ser jigi diskuss f'laqgha ohra tal-kunsill.

**15) Aggornament**

15.1 – Il-laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar il-Hamis 22 ta'Novembru 2012 fis-6.00pm. Is-Segretarju nforma li dak inhar ma jkunx jista jattendi minhabba li ser ikun imsiefer fuq xoghol tal-Kunsill stess. Gie deciz li s-Sinjorina Panzavecchia tassumi r-responsabbilita' ta' segretarju ghal dik il-laqgha.

Approvati llum ___________________________

_______________ __________________

Kevin Borg — Roderick Spiteri

Segretarju — Sindku